**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 446/02VG**

**L-Avukat Dr. John Refalo bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera ITALCASEA srl**

**Vs**

**Francis Debrincat & Sons Ltd. u Franco Scicluna**

**Illum 21 ta' Jannar 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-Avukat Dottor John Refalo bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera ITALCASEA srl fil-5 ta' Lulju 2002 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Francis Debrincat & Sons Ltd. u Franco Scicluna jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' elfejn tlett mija sebgha u tmenin Liri Maltin u erba' centezmi (Lm2,387.04), illum ekwivalenti ghal €5,780 bir-rata tal-kambju ta' 2.4214 mahruga mill-Bank Centrali fl-20 ta' Gunju 2002, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom fuq ordni taghhom skond fatturi mibghuta lilhom, kopji ta' liema jinsabu annessi ma' l-Avviz, bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kif ukoll hamsin Lira Maltija (Lm50), illum ekwivalenti ghal €116.46, spejjez inkorsi minhabba li d-ditta attrici hija assenti minn Malta u ghall-konsult u ittri bonarji, kontra s-socjetà Francis Debrincat & Sons Ltd. u Franco Scicluna;

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviz a fol. 2 sa' 11 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà Francis Debrincat & Sons Ltd. permezz ta' liema teccepixxi li: (i) il-fatti dikjarati mill-attur nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-

ispejjez kontra l-attur nomine, stante li hi qatt ma xtrat merkanzija minghand is-socjetà ITALCASEA srl; u (ii) hi ma ghandha l-ebda responsabbiltà ghall-merkanzija allegatament mibjugha u konsenjata lill-konvenut Franco Scicluna;

Rat li waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2003[1] il-konvenut Franco Scicluna iddikkjara li qed jikkontesta t-talba attrici stante li huwa ghandu jircievi *credit note* minghand l-attur nomine;

Semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor John Refalo moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2005[2] u rat d-dokumenti esebiti mill-attur nomine permezz ta' Nota pprezentata fil-31 ta' Jannar 2005 markati Dok. "A1" sa' Dok. "A11" a fol. 30 sa' 41 tal-process u d-dokumenti esebiti permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Marzu 2007 markati Dok. "JR1" a fol. 52 sa' 61 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Francis Debrincat moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2008[3] u x-xhieda ta' Pierre Debrincat moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2008[4] u rat id-dokumenti esebiti minn Pierre Debrincat a fol. 71 sa' 78 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Franco Scicluna moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Gunju 2009[5] u tat-13 ta' Jannar 2011[6] u rat id-dokument esebit minnu bhala Dok. "FS1" a fol. 93 tal-process ghad illi tali dokument bhala fatt huwa illeggibbli, semghet ix-xhieda ta' Dennis Mizzi moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011[7] u x-xhieda ta' Mario Caruana moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2011[8];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tal-konvenuti u semghet lid-difensur ta' l-attur nomine jiddikjara li huwa jistrih fuq l-atti tal-kawza[9];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur nomine jitlob li s-socjetà konvenuta u l-konvenut jigu kkundannati jhallsuh s-somma ta' €5,780, ekwivalenti ghal Lm2,387.04 skond ir-rata tal-kambju ta' 2.4214 mahruga mill-Bank centrali fl-20 ta' Gunju 2002, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom fuq ordni taghhom skond fatturi annessi ma' l-Avviz. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet li: (i) il-fatti dikjarati mill-attur nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija

[1] Fol. 20 tal-process.
[2] Fol. 27 sa' 29 tal-process.
[3] Fol. 67 tal-process.
[4] Fol. 69 u 70 tal-process.
[5] Fol. 84 u 85 tal-process.
[6] Fol. 94 u 95 tal-process.
[7] Fol. 96 u 97 tal-process.
[8] Fol. 99 u 100 tal-process.
[9] Vide verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2012.

qatt ma xtrat merkanzija minghand is-socjetà ITALCASEA srl; u (ii) ma ghandha l-ebda responsabbiltà ghall-merkanzija allegatament mibjugha u konsenjata lill-konvenut Franco Scicluna. Il-konvenut Franco Scicluna kkontesta t-talba attrici verbalment waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2003[10] a bazi ta' l-affermazzjoni li ghandu jircievi *credit note* minghand l-attur nomine.

Mill-provi prodotti jirrizulta li f'Jannar 2001 u fi Frar 2001 is-socjetà Taljana ITALCASEA srl, hawn rapprezentata mill-attur[11], bieghet u kkonsenjat zewg konsenji laring lil kompratur bazat f'Malta. Ghalkemm bil-proceduri odjerni l-attur nomine jesigi hlas ta' l-import totali ta' €5,780, ekwivalenti ghal Lm2,387.04 skond ir-rata tal-kambju ta' 2.4214 stabbilita mill-Bank Centrali ta' Malta fl-20 ta' Gunju 2002, minghand is-socjetà konvenuta **u** l-konvenut, mill-provi prodotti mill-istess attur nomine jirrizulta li n-negozju in kwistjoni sehh bejn ITALCASEA srl u l-konvenut Franco Scicluna.

Il-fatturi bin-Numri 10/01/E u 19/01/E rispettivament datati 18 ta' Jannar 2001 u 8 ta' Frar 2001[12] entrambe inhargu f'isem Franco Scicluna. Bl-istess mod il-*credit note* datata 22 ta' Marzu 2001 ghall-valur ta' Lit. 1.128.800[13] inharget f'isem Franco Scicluna u l-korrispondenza da parte tas-socjetà ITALCASEA srl ghall-hlas tal-merkanzija mibjugha u konsenjata hija wkoll indirizzata lil Franco Scicluna[14].

Apparte dak li jirrizulta b'mod car mid-dokumenti imsemmija, l-istess konvenut Franco Scicluna ddikjara w ikkonferma li n-negozju mas-socjetà ITALCASEA srl wettqu hu f'ismu personali u bl-ebda konnessjoni mas-socjetà konvenuta Francis Debrincat & Sons Limited. Waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 huwa xehed illi *bhala xoghol jiena qatt ma kelli x'naqsam mas-socjetà konvenuta Francis Debrincat & Sons Ltd. In rigward il-kaz in ezami jiena kont nixtri x-xoghol minghand dan it-Taljan, din fil-fatt kienet socjetà barranija bl-isem ta' Italcasea srl. Jiena kont nimporta, fil-fatt permezz ta' din is-socjetà, kemm laring u kemm mandolin. Jiena ghal dan l-iskop kont nuza garaxx li kien jappartjeni lin-nannu tieghi, kont nuzah bhala mahzen. In-nannu fil-fatt jismu Francis Debrincat. ... Il-permess ta' importazzjoni kien totalment fuqi, fil-fatt meta kien jintbaghat ix-xoghol minn barra dejjem kien jigi fuq ismi. It-trailer sabiex tingarr il-merkanzija kien ukoll ordnat minni*[15].

[10] Fol. 20 tal-process.
[11] Dok. "A3" a fol. 33 tal-process.
[12] Fol. 6 u 7 tal-process.
[13] Fol. 8 tal-process.
[14] Dok. "A9" sa' Dok. "A11" a fol. 39 sa' 41 tal-process.
[15] Fol. 84 u 85 tal-process.

Is-socjetà konvenuta da parte taghha kategorikament tichad illi qatt xtrat merkanzija minghand is-socjetà ITALCASEA srl u li b'xi mod hija responsabbli ghall-merkanzija minnha (ossia s-socjetà ITALCASEA srl) mibjugha u konsenjata lill-konvenut Franco Scicluna. F'tali rigward id-Diretturi tas-socjetà konvenuta xehdu bil-mod segwenti: Francis Debrincat iddikjara li *jiena kont direttur tas-socjetà konvenuta. Fil-fatt din is-socjetà ilha li inghalqet madwar tmien snin ilu. … Is-socjetà konvenuta qatt ma kienet timpjega nies. Inkarigati ta' din il-kumpannija konna inkunu jiena w ibni Pierre. Ahna qatt ma importajna xi oggetti minn barra u m'ghandna x'naqsmu xejn ma' l-attur nomine*[16] u Pierre Debrincat iddikjara li *is-socjetà konvenuta presentement m'ghadhiex tezisti. Jiena accountant. Il-business in kwistjoni gestit mis-socjetà konvenuta kien ta' missieri. Jiena però kont direttur iehor. Il-kummerc tas-socjetà konvenuta kien ix-xiri u l-bejgh ta' frott mis-suq lokali. Ahna dejjem xtrajna lokalment ghalhekk ma kellna l-ebda negozju ma xi ditta barranija dwar il-kummerc tas-socjetà konvenuta. Lokalment konna nixtru kemm mill-bdiewa u kemm minn Ta' Qali, il-Pitkalija. In rigward is-socjetà attrici li hija estera, lanqas naf min huma. Jiena qatt ma ghamilt kuntatt maghha. Is-socjetà konvenuta qatt ma kellha impjegati. Assolutament nghid li qatt ma kellna kuntatt mas-socjetà estera imsemmija fl-avviz. Jiena ghamilt xi zmien però impjegat mas-socjetà konvenuta. Dan kien ghall-perijodu ta' disa' xhur. Fizikament l-ordnijiet konna niehdu hsiebhom jiena u missieri. Nerga' nghid li qatt ma kellna ordnijiet minn barra. Konna naghmlu biss ordnijiet kemm fix-xiri u kemm fil-bejgh lokalment biss. Hawnhekk qed nigi muri d-dokumenti li jinsabu annessi ma' l-avviz minn fol. 2 sa' fol. 11 ta' l-atti. Dawn id-dokumenti qatt ma rajthom pero nixtieq nghid fuq a fol. 5 tinsab fotokopja ta' card cioè business card. Cioè dawn id-dokumenti qatt ma rcevejnihom. A fol. 9 qed nara li hija fax li intbaghtet lis-socjetà attrici. In rigward il-firma nghid li din la hija l-firma tieghi u lanqas ta' missieri. … In rigward Franco Debrincat … hemm Franco Debrincat li huwa t-tifel ta' ohti. … Dan assolutament ma kellu l-ebda involviment mal-konvenut Francis Debrincat and Sons Ltd. Fil-fatt Franco Debrincat ghandu l-kunjom tieghu Scicluna izda bidlu ghal Debrincat. Nerga' nghid li dan ma kellux qatt x'jaqsam xi haga. Fil-fatt nahseb li l-firma taht l-isem Franco De Brincat hija ta' l-istess tifel ta' ohti*[17].

Mix-xhieda ta' Francis Debrincat u ta' Pierre Debrincat, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata jew kontradetta mill-konvenut, jirrizulta li l-imsemmi konvenut ma kienx qed jagixxi in rapprezentanza tas-socjetà konvenuta izda dahal fin-negozju mas-socjetà ITALCASEA srl f'ismu personali, del resto kif minnu stess ammess fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 hawn appena citata.

---

[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2008, fol. 67 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2008, fol. 69 u 70 tal-process.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta versu t-talba attrici huma gustifikati u jisthoqq li jigu milqugha.

In kwantu rigwarda l-konvenut Franco Scicluna jigi ribadit illi huwa kkontesta it-talba attrici verbalment waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2003[18] fejn iddikjara li huwa ghandu jircievi minghand is-socjetà ITALCASEA srl, jew ahjar l-attur nomine, *credit note* li però skontu baqghet ma nghatatx. Fix-xhieda li ta waqt is-seduti tas-17 ta' Gunju 2009[19] u tat-13 ta' Jannar 2011[20] il-konvenut artikola f'iktar dettal il-kontestazzjoni tieghu ghat-talba ghall-hlas da parte ta' l-attur nomine. In effetti waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 il-konvenut xehed illi *kien hemm certu zmien meta kien qed jibghatli* [ossia s-socjetà ITALCASEA srl] *il-merkanzija b'mod sewwa fi kliemi stess u lit-Taljan kont inhallsu, kien qed jibghatuli dak iz-zmien skond il-ftehim bejnietna, però kien hemm darba meta jien ordnajt certu xoghol liema xoghol però ma kienx intbaghat. Hawnhekk il-Qorti tikkoregi ruhha, fil-fatt il-merkanzija kienet intbaghtet però kien hemm diskrepanza, kemm in rigward il-prezz u kemm fuq il-kwalità tal-laring, fil-fehma tieghi l-kwalità kien baghtha inferjuri hafna. Ghalhekk kont ghamilt talba sabiex is-socjetà estera li semmejt tibghatli credit note, però din qatt ma waslet. Xorta wahda però kont ordnajt konsenja ohra ta' laring, fil-fatt in rigward din it-tieni konsenja però, din mhux biss kienet ta' kwalità inferjuri però lanqas kienet tajba sabiex tinghasar. Fil-fatt din it-tieni konsenja bghattha kollha kemm hi l-maghtab. Xorta wahda però kelli nhallas tat-trailer sabiex tingieb din it-tieni konsenja, kif ukoll in rigward it-tieni konsenja, ghalhekk spiccjat biex tlift. In oltre tlift il-kredibilità tieghi mal-klijenti li kienu jigu jixtru dan il-frott minghandi.*

Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011 il-konvenut tenna li *meta kont ordnajt ix-xoghol mill-kumpanija Taljana, Italcasea srl, dan ix-xoghol meta wasal Malta kien fi stat hazin. Jiena immedjatament kont kellimt lill-kumpanija u huma kienu qaluli li ser jibghatuli credit note u jiena stajt narmi x-xoghol. Kien hemm dan l-arrangament ghax ghalihom ma kienx ikun vijabbli illi nerga' nibghatilhom ix-xoghol lura. Il-persuna li jiena kont kellimt kien Salvatore Casea. Dan ix-xoghol li kien gie hazin u dan id-diskors li kien sar fir-rigward tal-credit note kien sar fir-rigward ta' l-ewwel konsenja ta' xoghol li kont ordnajt minghand is-socjetà u dan kien ghall-bidu ta' Jannar. Wara dan ix-xoghol jiena xorta kont ghamilt konsenja ohra li giet ikkonsenjata lili bejn nofs jew l-ahhar ta' Jannar. F'dan il-kaz ukoll, ghalkemm weghduni li x-xoghol kien ser ikun tajjeb rega' kelli l-istess problema u din id-darba addirittura rega' kelli xoghol nieqes. Jiena mal-ewwel cempilt lil Salvatore Casea u ghedtlu bil-problemi li kelli. Hu ried ikun jaf fuq it-telephone x'kienu n-nuqqasijiet u*

[18] Fol. 20 tal-process.
[19] Fol. 84 u 85 tal-process.
[20] Fol. 94 u 95 tal-process.

*jiena qaghadt nispjegalu kemm in-nuqqasijiet kif ukoll ix-xoghol hazin li kien hemm. Hu qalli li imbaghad konna ser nirrangaw madanakollu wara ftit taz-zmien kien baghtli kont fejn kien qed jippretendi hlas. Jiena kont ergajt kellimtu u ghedtlu li mela nesa l-ftehim li wasalna ghalih. Wara din it-telefonata hu kien baghtli fax li qed nesebixxi kopja taghha u qed tigi mmarkata Dok. "FS1". Sabiex dan ix-xoghol jintrema, jiena kelli nqabbad persuna biex ikun jista' jiehu dan l-istess xoghol il-Mizbla. Meta Casea kien qed jitlob il-hlas minghandi, jiena naturalment irrifjutat li nhallas u jiena addirittura dhalt fl-ispejjez ta' Lm950 ta' transport l-ewwel darba kif ukoll it-transport tat-tieni konsenja.*

Huwa evidenti minn tali xhieda li apparte l-fatt li l-konvenut jikkontendi li giet konsenjata lilu merkanzija – ossia laring – fi kwantità inqas minn dik miftehma, u dana in kwantu rigwarda t-tieni konsenja ta' laring, jikkontendi wkoll li l-merkanzija attwalment konsenjata lilu kemm f'Jannar 2001 kif ukoll fi Frar 2001 (ghad illi huwa jsemmi l-bidu ta' Jannar u nofs jew lejn l-ahhar ta' Jannar) ma kenitx tal-kwalità pattwita.

Ghal dak li jirrigwarda l-*credit note* pretiza mill-konvenut minghand is-socjetà ITALCASEA srl u li skontu baqghet qatt ma giet moghtija lilu, bhala prova tal-weghda ta' tali *credit note* l-konvenut esebixxa dokument, ossia fax, markata bhala Dok. "FS1" a fol. 93 tal-process, liema dokument però huwa ghal kollox illeggibbli u b'hekk difficilment jista' jitqies bhala prova. Madanakollu però l-attur nomine esebixxa dokument ossia, fax mis-socjetà ITALCASEA srl datata 22 ta' Marzu 2001 li tirreferi ghal hrug ta' *credit note* a favur il-konvenut fl-ammont ta' Lit. 1.128.800 in konnessjoni mal-konsenja tat-8 ta' Frar 2001 b'dana li l-ammont rivedut pretiz minghand is-socjetà ITALCASEA srl ammonta ghal Lit. 10.060.800. Bhala fatt tali *credit note* inharget bid-data tat-22 ta' Marzu 2001 u tinsab esebita a fol. 8 tal-process u ghalhekk tirrizulta konferma li l-ammont globali dovut lis-socjetà ITALCASEA srl huwa dak rivedut ta' Lit. 10.060.800. Nonostante ciò però minn kalkolu[21] li ghamlet il-Qorti jirrizulta li l-ammont mitlub fil-proceduri odjerni huwa l-ammont kollu – naturalment f'Liri Maltin ekwivalenti u konvertiti f'Euro skond ir-rata tal-kambju ta' 2.4214 mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fl-20 ta' Gunju 2002 – ta' Lit. 11.189.600 minghajr it-tnaqqis tal-*credit note* imsemmija. Fil-fehma tal-Qorti ladarba d-dritt ghall-*credit note* gie rikonoxxut u din bhala fatt inharget, is-somma li se mai l-attur nomine ghandu dritt jesigi l-hlas taghha hija dik ta' Lit. 10.060.800, li tammonta ghal Lm2,127.23[22], ossia €5,150.87 skond ir-rata tal-kambju iktar 'l fuq citata, u mhux l-ammont intier ta' Lit. 11.189.600.

---

[21] Fattura 18.1.2001 – Lit. 6.222.700 (rata tal-kambju mal-Lira Taljana fit-18 ta' Jannar 2011 kienet ta' 4726.0478) = Lm1,316.68. Fattura 08.02.2001 – Lit. 4.966.900 (rata tal-kambju mal-Lira Taljana fit-8 ta' Frar 2002 kienet ta' 4735.1483) = Lm1,048.94 – flimkien jammontaw ghal Lm2,365.62 (talba attrici ghall-hlas ta' Lm2,387.04).

[22] Fattura 18.1.2001 – Lit. 6.222.700 (rata tal-kambju mal-Lira Taljana fit-18 ta' Jannar 2011 kienet ta' 4726.0478) = Lm1,316.68. Fattura 08.02.2001 bit-tnaqqis skond il-*credit note* – Lit. 4.966.900 – Lit. 1.128.800

Dana huwa l-uniku tnaqqis fis-somma pretiza li jista' jigi rikonoxxut mill-Qorti in kwantu d-dokumenti esebiti mill-attur nomine a fol. 7 u 8 tal-process huma l-unika prova in atti dwar *credit note* a favur il-konvenut u l-istess konvenut ma ressaq l-ebda prova ohra li turi li seta' kien hemm xi tnaqqis ulterjuri imwieghed lilu lilu mis-socjetà ITALCASEA srl izda mhux koncess minnha.

In kwantu rigwarda l-kwistjoni li l-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut ma kenitx tal-kwalità pattwita, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma irnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti dak minnu allegat u fi kwalunkwe kaz bl-azzjonijiet tieghu stess ippregudika b'mod irrimedjabbli l-posizzjoni guridika tieghu vis-à-vis it-talba ghall-hlas da parte ta' l-attur nomine.

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li l-laring mibjugh u konsenjat lilu mis-socjetà Italcasea srl ma kienx tal-kwalità pattwita, huwa ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti fir-rigward. Ghalkemm xehed hu stess u ressaq lil Dennis Mizzi[23], persuna li gieli kien jghinu jhott il-merkanzija, u lil Mario Caruana[24], persuna li kellu negozju tal-garr ta' skips, bhala xhieda korroboratorja ta' dak minnu affermat dwar il-kwalità tal-laring mibjugh u konsenjat lilu, in verità dak dikjarat minn Mizzi u Caruana bl-ebda mod ma jikkorobora l-versjoni tal-konvenut.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2009[25] il-konvenut iddikjara li ghalih il-konsenji tal-laring mertu tal-kontestazzjoni ma kienux tal-kwalità pattwita ghaliex kienu ta' kwalità inferjuri hafna, tant illi fi kliemu stess it-tieni konsenja tal-laring *din mhux biess kienet ta' kwalità inferjuri però lanqas kienet tajba sabiex tinghasar*. Dennis Mizzi però ta versjoni differenti. Skontu il-laring konsenjat lill-konvenut kien kollu mhassar, sitwazzjoni din ferm differenti minn laring ta' kwalità inferjuri ghal dik mifthema. Mario Caruana wkoll ikkonferma li fiz-zmien kien rama xi laring imhassar fuq inkarigu tal-konvenut – jew ahjar kif jghid hu fuq inkarigu tas-Sur Debrincat – izda, mix-xhieda tieghu ma jirrizultax jekk dan il-laring kienx l-istess konsenja/konsenji ta' laring mertu ta' dawn il-proceduri u lanqas jirrizulta kemm mill-laring effettivament intrema. Apparte l-inkonsistenzi bejn ix-xhieda tal-konvenut u ix-xhieda ta' Dennis Mizzi, l-istess konvenut ma huwiex konsistenti f'dak li jghid fir-rigward tal-kwalità tal-laring. In effetti ghalhekk waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 iddikjara li l-laring konsenjat kien ta' kwalità inferjuri, waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011 iddikjara li l-laring konsenjat kien hazin. Fid-dawl ta' tali

= Lit. 3.838.100 (rata tal-kambju mal-Lira Taljana fit-8 ta' Frar 2002 kienet ta' 4735.1483) = Lm801.55 – flimkien jammontaw ghal Lm2,127.23.

[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011, fol. 96 u 97 tal-process.

[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2011, fol. 99 u 100 tal-process.

[25] Fol. 84 u 85 tal-process.

inkonsistenza f'dak affermat mill-konvenut stess il-Qorti difficilment tista' taccetta bhala l-valida l-kontestazzjoni tal-konvenut vis-à-vis it-talba ghall-hlas da parte ta' l-attur nomine.

Jigi osservat illi anke *dato ma non concesso* li l-laring konsenjat lill-konvenut ma kienx tal-kwalità pattwita, il-konvenut bl-agir tieghu stess ippregudika b'mod irrimedjabbli l-posizzjoni tieghu vis-à-vis il-pretensjonijiet attrici kontrih.

Dwar l-ewwel konsenja ta' laring ma jirrizultax li din intremiet stante li l-konvenut jghid li rama biss it-tieni konsenja ta' laring u allura l-presunzjoni hi li l-ewwel konsenja ta' laring inbieghet. In kwantu rigwarda t-tieni konsenja ta' laring, il-konvenut jghid li kien Salvatore Casea tad-ditta ITALCASEA srl stess li qallu biex jarmi kollox izda ma ressaq assolutament l-ebda prova konkreta u korroborativa fir-rigward.

Huma principji assodati fis-sistema guridika nostrali li:

- *L-Art. 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta il-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti. "L'articolo 1104 (1390) accorda al compratore due azioni nel caso che la merce non corrispondesse all'ordine, cioè l'azione di rifiuto della merce e l'azione di diminuzione di prezzo. Il rifuto della merce non è più possibile quando, ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte; ma l'altra azione è sostenibile quando si riceve la merce sotto protesto e colla espressa riserva di chiedere i danni ossia la diminuzuine di prezzo" (Mizzi v. M.A. Refalo noe et 17.1.1911)[26];*

- *Din id-difiza* [ossia li l-oggett konsenjat ma huwiex tal-kwalità pattwita] *li tista' titqajjem ukoll in via di eccezzjoni tinkwadra ruhha fid-dispost ta' l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Disposizzjoni din li tillustra b'mod specifiku kif kellu jagixxi l-kompratur li ma jkunx sodisfatt bl-oggett li il-venditur jikkonsenjalu. Tajjeb li jigi rilevat hawn illi fuq l-interpretazzjoni ta' dan id-dispost tal-ligi s-sentenzi tal-Qrati taghna ma humiex ghal kollox konkordi. Hemm dawk li affermaw li din l-azzjoni jew eccezzjoni ma tistax tigi sostenuta wara r-recezzjoni tal-konsenja (Vol. XVIII P III p59; Vol. XX P I p 273 u Vol. XXI P I p399). U hemm ohrajn li jghidu li din hi ammessa kemm jekk ix-xerrej ikun gja rceva il-konsenja tal-haga kemm jekk*

[26] Dr. John J. Cassar noe v. Carmen Grech ezercitanti l-kummerc bl-isem Sylvia Boutique, Citaz. Nru. 1534/98GV, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Frar 2002,

*le (Vol. XXXIX p 250; Vol. XXXVIII P II p 688; Vol. XXVI P I p 193). Ghall-ezami aktar ampju tas-suggett issir referenza ghad-decizjoni magistrali ta' l-gharef Imhallef Maurice Caruana Curran fil-kawza "Emmanuele Calleja v. Joseph Grech" Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Gunju 1065. Liema decizjoni b'analisi meqjusa ittendi biex issegwi l-hsieb li l-artikolu tal-Ligi in ezami ma japplikax wara l-konsenja tkun giet ricevuta. Minn aspett iehor, riferibilment ghat-trasferiment tal-proprjetà u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjetà jew tal-periculum rei perditae (Francesco Zammit v. Celest Spiteri, Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953). Mir-ricerka kondotta mill-Qorti jidher li saz-zminijiet recenti l-Qorti ta' l-Appell segwiet it-tifsira adottata f'dawk il-gudikati li rritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalità imwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorità tal-Qorti (Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino noe v. Pauline Buhagiar noe" Appell, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' l-artikolu tal-Ligi seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit. Kif issokta jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "John Mary Dalli noe v. Grezzju Patiniott" Appell, 19 ta' Mejju 2000, "din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendità." Mill-banda l-ohra jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalità pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu[27].*

Applikati dawn il-principji guridici ghall-kaz in ezami fejn, mhux biss ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-konvenut effettivament issalvagwardja l-posizzjoni tieghu ai termini tal-Ligi izda jirrizulta li l-istess konvenut b'mod unilaterali ghazel li jiddisponi mill-laring konsenjat lilu, bl-ewwel konsenja probabilment mibjugha u t-tieni konsenja allegatament mormija minghajr però prova konkreta li dan sar fuq struzzjonijiet jew bil-kunsens tas-socjetà venditrici, jirrizulta li l-eccezzjoni tal-konvenut ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

[27] Paul Galea pro et noe v. Carmel Galea, Citaz. Nru. 891/90 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u b'hekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut;
3. Tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-valur ta' Lm2,127.23, ossia €5,150.87 skond ir-rata tal-kambju ta' 2.4214 mahruga mill-Bank Centrali fl-20 ta' Gunju 2002; u
4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' €5,150.87, bl-imghax legali dekoribbli mis-22 ta' Lulju 2002, id-data tan-notifika ta' l-Avviz lill-konvenut, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghall-ispejjez relattivi ghas-socjetà konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-konvenut. L-ispejjez relattivi ghas-socjetà konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-attur nomine.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**